MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 659/2012

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Settembru tas-sena 1981.

2. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin;

3. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta’ Mejju tas-sena 2012 u li kopja taghha qieghda tigi hawn annesa u mmarkata Dokument ittra A.

4. Illi miz-zwieg twieldet tifla Nicole li ghadha minorenni.

5. Illi ma hemmx kwistjoni ta’ manteniment bejn il-partijiet.

6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Jannar, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi ir-rikorrenti iddikjarat illi tixtieq izomm kunjomha mizzewga jigifieri Tanti u rat l-affidavit ta’ Anna Maria Tanti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 B tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar seba' snin u isseparaw legalment fil-31 ta Mejju 2012;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------